14 ta' Marzu 2015
30/2015

# STEMMA TAL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA

L-Arma araldika tal-Arċisqof Scicluna hija ispirata mill-arma tradizzjonalment assenjata lill-kunjom tal-familja li għandha żiemel rampanti u nofs qamar krexxenti ta' lewn abjad/fidda fuq sfond aħmar. Mons. Scicluna żied il-warda safra/deheb imwerrqa bil-lewn aħdar.

**L-isfond aħmar** ifakkarna fil-mant ta' Kristu waqt il-passjoni "imxarrab bid-demm" (Apok. 19, 13): «Imbagħad Pilatu ordna li jieħdu lil Ġesù u jagħtuh is-swat. Is-suldati nisġu kuruna tax-xewk u qegħduhielu fuq rasu, u libbsuh **mantar aħmar skur**. U bdew ġejjin quddiemu u jgħidulu: "Is-sliem għalik, ja sultan tal-Lhud!" U bdew jagħtuh bil-ħarta» (Ġw 19, 1-3).

**Iż-żiemel abjad/fidda** ifakkarna fid-dehra li kellu l-Appostlu Ġwanni dwar Ġesù Kristu stess: "Imbagħad rajt is-sema miftuħ, u kien hemm **żiemel abjad**! Dak li kien riekeb fuqu jissejjaħ Fidil u Veru (*Fidelis et Verax*); bil-ġustizzja hu jaqta' l-ħaqq u jagħmel il-gwerra. Għajnejh qishom ħuġġieġa nar, b'ħafna dijademi fuq rasu, u b'isem miktub fuqu li ħadd ħliefu ma jafu. Kien liebes **mantell imxarrab bid-demm**, u jissejjaħ bl-isem "il-Kelma ta' Alla". Mexjin warajh, fuq **żwiemel bojod**, kien hemm l-eżerċti tas-sema, lebsin l-għażel abjad bla nikta. Fuq il-mantell u fuq koxxtu għandu miktub isem: "Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien" (Apok. 19, 11-16).

**In-nofs qamar krexxenti abjad/fidda** iffakkarna fix-xbieha ta' stabilità li joffri is-Salm 72: «Jinżel mill-muntanji s-sliem lill-poplu, tinżel mill-għoljiet il-ġustizzja. Hu jħares id-dritt tal-imsejknin tal-poplu, isalva l-fqajrin u jrażżan 'il min jgħakkishom. Ħa jdum kemm iddum ix-xemx; kemm idum **il-qamar**, minn żmien għal żmien». In-nofs qamar huwa wkoll simbolu tal-Verġni Marija u tal-Knisja, l-Għarusa ta' Ġesù, b'riferenza għax-xbieha tal-għarusa fl-Għanja tal-Għanjiet: «Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha **l-qamar**, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida?» (Għanj. 6, 10).

**Il-warda safra/deheb** tfakkarna fi xbieha oħra tal-Verġni Marija peress li l-għarusa fl-Għanja tal-Għanjiet hija mxebbħa mal-warda: «Ġnien magħluq tajjeb int, oħti, għarusa tiegħi, ġnien magħluq tajjeb, għajn issiġillata. Jinbet ġnien tar-rummien minn ilmijietek, flimkien mal-ogħla ħxejjex: **il-ward tal-ħenna**, u l-ispika, spika u żagħfran, qasab ifuħ, kannella, kull siġra tal-inċens, mirra, sabbara, u l-aqwa balzmi kollha» (Għanj. 4, 12-14).

Il-Motto bil-Latin: **FIDELIS ET VERAX** (Fidil u Veru) huwa meħud mill-Ktieb tal-Apokalissi 19, 11. Huwa t-titlu li jingħata lir-Rikkieb taż-żiemel abjad li huwa Ġesù Kristu nnifsu. In-nisrani jagħraf lir-Ragħaj it-tajjeb bħala ragħaj fidil f'kelmtu u li ma jqarraqx bil-merħla. L-isqof huwa meħud mill-merħla biex ikun Ragħaj fuq ix-xbieha tar-Ragħaj it-Tajjeb Fidil u Veru.

L-arma tinkludi l-pallium li hu bħal faxxa li jintlibes fuq il-pjaneta madwar l-għonq. Ikollu wkoll żewġ pendenti wieħed fuq quddiem, ieħor fuq wara. Fuq il-pallium ikun hemm irrakkmati sitt islaleb suwed. Il-pallium hu simbolu tal-awtorità tal-Arċisqof metropolita f'kommunjoni mal-Knisja ta' Ruma.

Is-Salib Patrijarkali hu Salib Latin b'żewġ traversi orizzontali. It-traversa ta' fuq tissejjaħ it-titulus cruces, jew il-kitba ta' Ponzju Pilatu li twaħħlet mas-salib ta' Ġesù.

Fl-isfond tal-arma hemm ukoll is-Salib ta' Malta peress li Monsinjur Scicluna hu Kappillan Konventwali Gran Ċruċ ad honorem.